# Rapport Annwali

# Amministrattiv 2021

## Kunsill Lokali San Pawl il -Baħar

L-ERBGĦA 13 T'APRIL, 2022

# Il-Kunsill Leġiżlatura 9

# Werrej

Il-Kunsill Leġiżlatura 9 .... 2
Werrej .... 2
Tabelli .... 4
I-Kunsill Leġiżlatura 9 .... 5
1.0 Introduzzjoni .... 5
2.0 Il-Kunsill .... 6
2.1 Il-Parteċipazzjoni fil-Laqgħat tal-Kunsill .... 6
2.2 Live Streaming .... 7
Il-Kumitati / Sotto-Kumitati/ Responsabbiltajiet .... 7
2.3.1 L-għanijiet ta' Sotto Kumitati .... 8
2.3.1.1 L-Infrastruttura .... 8
2.3.1.2 Il-Proġetti .... 8
2.3.1.3 Attivitajiet .... 9
a.) L-Anzjani .... 9
L-Attivita tal- Milied .... 9
b) Il-Komunitajiet u l-Qasam Soċjali .... 9
2.3.1.4 Il-Ħarsien tal-animali .... 10
2.3.1.5 Iż-Żgħażagħ .... 10
2.3.1.6 Edukazzjoni Formali u Informali .... 10
2.3.1.7 Bord ta' Ingaġġ ta' Ħaddiema .... 10
3.0 Il-Ħidma mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill - Serviżż lill-Komunità. .... 11
3.1 Riżorsi Umani – .... 11
3.1.1 Riżenji ta' ħaddiema 2021 .... 11
3.1.2 Ingaġġ ta' ħaddiema 2021 .... 11
3.2 Ir-Responsabilta tal-ħaddiema tinkludi iżda mhix limitata għal: .... 11
3.3 Xogħol amministrativ bil miżuri minħabba - COVID-19 .... 13
3.4 Permessi maħruġa mill-uffiċċju tal-Kunsill u pagamenti proċessati .... 13
3.5 Ilmenti u Suġġerimenti u Mistoqsijiet Parlamentari .... 14
3.6 Lampi, bozoz u Tabella tat-toroq .... 15
3.6.1 Lampi u Bozoz .... 15
3.6.2 Installazzjoni ta' Tabelli .... 16
3.7 Work Orders .... 17

3.8 Klejms relatati ma' vetturi ..... 17
3.9 Miżuri Ambjentali ..... 17
3.10 Xogħol tà rutina – Tindif u manutenzjoni tas-soft areas u Infrastruttura ..... 18
3.10.1 Tunnellati ta' Skart -2021 ..... 18
4.0 Xiri – Tenders u Kwotazzjonijiet ..... 19
4.1 Il-Kunsill ħareġ 50 sejħa ta' kwotazzjoni ..... 19
4.2 Tenders 2021 ..... 21
5.0 Safar ..... 21
6.0 Skemi ..... 21
7.0 Proġetti Proposti 2022 ..... 22
7.1 Proġetti li se jsiru b' kollaborazzjoni mal-MTA ..... 22
7.2 Proġetti għas-Sena 2022 ..... 22
Tenders ..... 22
Edukazjoni ..... 22
Amministrazzjoni ..... 22
8.0 Finanzi ..... 23
9.0 Konklużjoni ..... 24
10.0 Annex Dok A ..... 25
11.0 Ir-Rapport tas-Sindku ..... 26
12.0 Ir-Rapport tal-Viċi Sindku ..... 27
13.0 Ir-Rapport tal-Kunsilliera ..... 28

# Tabelli

Tabella 1: L-Attendenza tal-Kunsilliera matul is-sena 2021 ..... 7
Tabella 2: Membri tas-Sotto Kumitatti ..... 8
Tabella 3: Riżenji ta' ħaddiema 2021 ..... 11
Tabella 4: Riżenji ta' ħaddiema 2021 ..... 11
Tabella 5: Ir-Responsabilta tal-ħaddiema ..... 12
Tabella 6: Permessi onlajn u Valur – (żieda ta' €37,353.85) ..... 13
Tabella 7: Pagamenti Lesa (żieda ta' €114,925.53) ..... 14
Tabella 8: Pagamenti għal-Artijiet (żieda ta' €4,867.33) ..... 14
Tabella 9: Pagamenti tal-"Housing" (żieda ta' €6,172.86) ..... 14
Tabella 10: Lista għal-installazzjoni /tressiq jew reġistrazzjoni ta dawl tat-toroq ..... 16
Tabella 11: Lista ta' Work Orders ..... 17
Tabella 12: Tunnellati u spiża ta' skart (tnaqqis ta' €56,301.70) ..... 18
Tabella 13: Xiri bi Kwotazzjonijiet ..... 21
Tabella 14: Lista ta' Tenders 2021 ..... 21
Tabella 15: Finanzi għas-sena 2021 mqabbla ma sena 2020 ..... 23
Tabella 16: Kontijiet Bankarji ..... 23

# I-Kunsill Leġiżlatura 9

## 1.0 Introduzzjoni

Għeżież Residenti, dan ir-rapport huwa ibbażat fuq il-ħidma amministrattiva u xogħlijiet li saru mill-Kunsill matul is-sena elfejn, wieħed u għoxrin (2021). Il-Kunsill li ġie elett matul id-disa' leġiżlatura beda jopera b'effett mill-1 ta'Lulju 2019. Din il-leġiżlatura hija ppjanata li jkollha terminu tà ħames snin, jiġifieri sas-sena 2024. Din hi l-ħidma tà fejda, li twettqet skond id-deċiżjonijiet li ttieħdu mill-Kunsill matul is-sena 2021.

Il-Kunsill hu magħmul mis-Sindku Alfred Grima, bejn 1 tà Lulju 2019 u Frar tà 2021 il-Viċi Sindku kien Daryl Connor. Fl-4 tà Marzu, fid-disgħa u għoxrin l-laqgħa tal-Kusill, ġie ikonfermat bħala Viċi Sindku Carlos Zarb wara li ħa il-ġurament tal-ħatra. Il-ħdax -il Kunsilliera huma: Graziella Galea, Anne Marie Fenech, Carlos Zarb, Anthony Delia, Alfred Bray, Paul Bugeja, Mario Salerno, Stephen Cremona, Anthony Angelo Attard, Christopher Vella Petroni u Antoinette Bezzina, fejn iktar tard wara il-ħatra tà Viċi Sidku ingħaqqad bħala kunsillier Daryl Connor.

L-amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabbiltajiet kollha skont l-Att XV tal-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, tmexxiet mis-Segretarju Eżekuttiv Mariella Strout sal-15 ta' Novembru 2021, fejn b'mod immedjat id-Dipartiment ħatar l-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv is-Sa Elke Sghendo, wara li Sa. Strout innotifikat ir-riżenja tagħha. Fejn f-isem il-Kunsill u l-Istaff jirringrazzjaha għal-ħidmietha.

Dan ir-rwol hu assistit minn Assistant Principal, Uffiċċjal Eżekuttiv u ħames skrivani fix-xogħol tal-uffiċċju. Il-manutenzjoni hi mmexxija minn Supervisor u żewġ ħaddiema, fejn dan jinvolvi xogħol fuq barra madwar il-lokalità fejn huma esponuti għall-elementi ambjentali u jista ukoll tinvolvi ċertu xogħol ta' strapazz ikkaġunat b'riżultat ta' traskuraġni minn xi persuni li mhumiex responsabbli. Il-Kunsill ibbenefika minn tlett ħaddiema fuq l-iskema tal-Impjieg inklużiv fil-komunità.

Il-kompożizzjoni tal-Kunsill hija bbażata skond il-popolazzjoni kurrenti tal-lokalità ta' San Pawl il-Baħar, b'popolazzjoni ta' madwar **31,789** NSO, fix-Xitwa u **50,000** fis-Sajf.

Il-ħidma tal-Kunsill ma twaqfietx minnkejja il-persistenza tal-pandemija Covid-19. B'sodisfazzjon il-Kunsill jinforma li bil-miżuri li ħa qatt ma kien hemm il-ħtiega li jingħalaq il-Kunsill, fejn ifisser li ħidma baqgħat għaddejja mingħajr xkiel għar-residenti tal-lokalità.

Sfortunatament iżda l-attivitajiet li kienu jinvolvu numri tà nies u għalhekk kellhom jiġu ikkanċellati. Madankollu il-Kunsill baqà konsistenti billi sfrutta mezzi oħra sabiex jibqa' iservi lill-kommunità b'servizzi amministrattivi, kemm mill-ufficċju kif ukoll onlajn. Waqt dan iż-żmien ta' tal-pandemija, b'sapport lejn il-komunita', il-Kunsill offra ukoll is-servizz tà faċilita' ta' xiri essenzjali lejn nies li kienu fil-bżonn.

B'kontinwazzjoni mas-sena li għaddiet il-Kunsill baqa' jimplimenta il-miżuri favur il-familja għall-ħaddiema tiegħu.

Ix-xogħol tà manutenzjoni madwar il-lokalità, tkompla għaddej. Il-proċess tà diversi proġetti infrastrutturali u applikazzjonijiet għall-fondi fuq diversi proġetti oħra tkomplew ukoll. Referenza għal dawn tinsab iktar l-isfel f'dan ir-rapport.

# 2.0 Il-Kunsill

## 2.1 Il-Parteċipazzjoni fil-Laqgħat tal-Kunsill

Bejn l-1 ta'Jannar u Diċembru 2021 inżammu 14 -il laqgħa tal-Kunsill Lokali, żewġt laqgħat annwali u waħda mill-laqgħat kienet urġenti. L-attendenza kienet hekk kif murija fit-tabella t'hawn.

| Kunsilliera | Laqgħat | Preżenti | Skużat/a | Assenti |
|---|---|---|---|---|
| Sindku Alfred Grima | 14 | 14 | 0 | 0 |
| Viċi Sindku Carlos Zarb | 14 | 14 | 0 | 0 |
| Graziella Galea | 14 | 14 | 0 | 0 |
| Anne Marie Fenech | 14 | 11 | 2 | 1 |
| Daryl Connor | 14 | 14 | 0 | 0 |
| Mario Joseph Salerno | 14 | 14 | 0 | 0 |
| Anthony Delia | 14 | 14 | 0 | 0 |
| Alfred Bray | 14 | 14 | 0 | 0 |
| Paul Bugeja | 14 | 12 | 2 | 0 |
| Stephen Cremona | 14 | 12 | 2 | 0 |
| Anthony Angelo Attard | 14 | 12 | 0 | 2 |
| Christopher Vella Petroni | 14 | 11 | 2 | 1 |
| Antoinette Bezzina | 14 | 12 | 0 | 2 |

Tabella 1: L-Attendenza tal-Kunsilliera matul is-sena 2021

Il-laqgħat tal-Kunsill baqgħu jsiru b'mod regolari, uħud mill-membri pparteċipaw onlajn.

Minħabba il-pandemija, ċ-ċittadini ma setgħux jagħmlu użu minn laptop provdut mill-Kunsill li jintuża ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv.

### 2.2 Live Streaming

Il-Kunsill baqa' ixandar il-laqgħat tiegħu permezz tal-*internet.* Ix-xandir tal-laqgħat tal-Kunsill huwa aċċessibli permezz ta' din il-*link*: http://sanpawl.ifnetworks.net

# Il-Kumitati / Sotto-Kumitati/ Responsabbiltajiet

Il-ħidma tal-Kunsill tissokta bl-għajnuna tal-ħatriet tal-Kumitati/Sotto-Kumitati, bl-għan li jipproponu, jiddiskutu u jassistu lill-Kunsill fit-tħejjija tal-pjanijiet tiegħu sabiex ikunu mwettqa' dawk ir-responsabbiltajiet f'dati lill-Kunsill, mill-Gvern Lokali.

| Sotto Kumitati | Membri fis-Sotto Kumitat |
|---|---|
| Bord tal-infrastruttura | Ċerpersin Sindku Alfred Grima, Kunsilliera Anthony Delia, Paul Bugeja, Charlie Galea, Noel Mercieca |
| Bord tal-Attivitajiet | Ċerpersin Sindku Alfred Grima, Joseph Vella, Noel Mercieca, David Bonello, Matthew Vella, Keith Galea |
| Bord ta' Ingaġġ ta' Ħaddiema | Ċerpersin Sindku Alfred Grima, Kunsilliera Alfred Bray u Anthony Delia |
| Bord Skemi u Fondi Finanzjarji | Ċerpersin Mario Salerno, Kunsillier Christopher Vella Petroni, Antonio Enrico, Frans Borg, Simone Aquilina |
| Bord ta' Ġemellaġġ | Ċerpersin Paul Buġeja, Joseph Vella Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun George Abdilla |

*Tabella 2: Membri tas-Sotto Kumitatti*

## 2.3.1 L-għanijiet ta' Sotto Kumitati

### 2.3.1.1 L-Infrastruttura

- Koordinament mal-kuntratturi u professjonisti tal-Kunsill fit-tfassil u l-implimentazzjoni tà proġetti fil-lokalità u mal-entitajiet governattivi fit-tfassil u l-implimentazzjoni tà proġetti tal-Gvern fil-lokalità.
- Ħarsien tà ġonna, bandli, *play equipment, outdoor gyms* u *outdoor furniture.*
- Manutenzjoni ta' sinjali tat-traffiku.
- Xogħlijiet tà *patching* temporanju u kif ukoll patching estensiv inkluż *scarifying*.
- Saru tiswijiet fuq bosta bankini u żebgħa (rifreskat)
- Saru bosta *patching* temporanju mill-ħaddiema tal-Kunsill f'toroq madwar il-lokalità.

### 2.3.1.2 Il-Proġetti

- Ġew installati *CCTV's* fi Triq il-Boxxla, Triq J. Quintinus, Ġnien Millenju u Ġnien Bertu u Tumas Gauci
- Latrini ġodda f' Tà Fra Ben tlestew fit-03/05/2021.
- Sar l-*outdoor gym* tà Triq it-Trunċiera.
- Beda il-Proġett tà Ġnien Millenju.
- Sar tindif fil-Mitħna tax-Xemxija (mill-volontarjat).
- Attivita tal-Milied u żieda tà tiżjin f'toroq ġodda.

- Sar tindif u organiżżazjoni tal-IT Cabinet fl-uffiċċju.
- Pjanijiet u diskussjonijiet dwar l-uffiċċju amministrattiv il-ġdid tal-Kunsill

### 2.3.1.3 Attivitajiet

Kumitat Anzjani, Komunitajiet u l-Qasam Soċjali

**a.) L-Anzjani**

- Transport għall-anzjani taċ-Ċentru ta' maltul il-jum
- Sapport lill-amministrazzjoni taċ-Ċentru ta' matul il-jum.

(Attivitajiet kienu sospiżi minħabba is-sitwazzjoni tal-Covid-19, iżda dawn mistennija li jerġgħu jinżammu hekk kif is-sitwazzjoni terġa' tiġi għan-normal).

**L-Attivita tal- Milied**

Bħas-sena ta' qabel, inħarġet sejħa pubblika għas-servizzi ta' dwal sabiex jinxtegħlu toroq madwar Buġibba, San Pawl il-Baħar, Xemxija, Burmarrad u il-Qawra.

Il-Kunsill Lokali b'kollaborazzjoni mal-Awtorita' Maltija tat-Turiżmu ħa ħsieb li żied l-armar tat-toroq wara li l-Kunsill ikwalifika mis-somma ta' **EUR7,000** b'valur bid-doppju fuq is-sena ta' qabel. Din is-somma serviet biex setgħat tiġi mtella' Parata tal-Milied akkumpanjata mil-Banda tas-Soċjeta' Mużikali ta' San Pawl.

Ir-Reġjun Tramuntana ta' l-għajnuna ta' **Eur1,500.00** fejn kienu mixgħula aktar toroq. Din kienet milqugħa b'sodisfazzjon mir-residenti.

**b) Il-Komunitajiet u l-Qasam Soċjali**

Il-Qasam Soċjali jinkludi kollaborazzjoni ma' Aġenzija FSWS (*Foundation Social Welfare Services*), il-Parroċċi, l-iskejjel u xi għaqdiet uffiċjali fil-lokalità.

Diskussjonijiet għall-attivitajiet u programmi konġunti bejn FSWS, il-membri tal-Knisja u l-Kunsill u kif it-tnejn jistgħu jaħdmu flimkien, b'mira għal titjib lejn il-komunità fil-lokalità.

Saru diversi laqgħat u seduti onlajn fejn ġew mistiedna diversi entitajiet, bħal Pulizija ta' Malta,
LESA, id-Dipartiment għat-tindif u Manutenzjoni u l-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu. Mal-Pulizija ġew diskussi l-possibbilta' li jibda s-servizz tal-Pulizija tal-Komunita' madwar il-lokalità.

L-uffiċċju amministrattiv ġie msejjaħ jibgħat rappreżentant sabiex jixhed fil-Qorti ta' Malta fuq każijiet li jkunu mressqa mill-Pulizija ta' Malta dwar każijiet li fihom ikun involut il-Kunsill.

Saru ukoll diskussjonijiet għal ftuħ tal-parkeġġ fl-Iskola Primarja tal-Qawra għar-residenti.

### 2.3.1.4 Il-Ħarsien tal-animali

Fis-Sena 2021 il-Kunsill applika' għal skema favur il-qtates abbandunati fejn l-ispiża kienet ta' Eur 6,717.18 euros. Il-Kunsill jieħu l-opportunita' sabiex jirringrazzja lil 29 *Stray Cat Feeders* rreġistraeti għall-kontribut volontarju sabiex jieħdu ħsieb dawn l-animali.

### 2.3.1.5 Iż-Żgħażagħ

Il-ħidma maż-żgħażagħ flimkien ma' NGOs u entitajiet oħra tinkludi tfassil ta' programmi u proposti ta' innovazzjoni b'konsiderazzjoni lejn l-impatt ambjentali, ġew imressqa quddiem il-Kunsill. Ġew organizzati ukoll clean-ups fejn il-Kunsill tà assistenza lil diversi NGOs sabiex jattwaw clean-ups madwar il-lokalità.

### 2.3.1.6 Edukazzjoni Formali u Informali

Il-Kunsill lokali jagħti diversi opportunitajiet lil studenti minn oqsma varji fosthom fuq dawk li jsegwu korsijiet lokali bħal Junior College u Mcast kif ukoll minn skejjel internazjonali. Is-sena li għaddiet il-Kunsill ta' *Job explosure* lil 5 studenti.

Librerija: Ta' kull sena il-Kunsill jalloka fondi għall-bżonnijiet tal-liberija tal-lokal. Il-Kunsill ħallas għall-librar sabiex jieħu ħsieb il-librerija li tinsab fl-iskola tà San Pawl.

Saru arranġamenti għall-korsijiet tal-mużika onlajn.b'kollaborazzjoni mal-kazin tal-banda San Pawl.

### 2.3.1.7 Bord ta' Ingaġġ ta' Ħaddiema

Il-bord tal-ingaġġ investa numru ta' siegħat, fejn iltaqa' u ddiskuta f'diversi laqgħat madwar 10 darbiet fuq ingaġġ ta' diversi mpjiegi vakanzi ukoll wara deċiżjonijiet tal-Kunsill sabiex jiżdied il-*Complement* tal-ħaddiema għal iktar titjieb, għal benefiċju tal-komunita'.

# 3.0 Il-Ħidma mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill - Serviżż lill-Komunità.

## 3.1 Riżorsi Umani –

### 3.1.1 Riżenji ta' ħaddiema 2021

| Kariġa | Skala | Data |
|---|---|---|
| Clerk | Skala 13 | 7 ta' Lulju, 2021 |
| Clerk | Skala 15 | 20 ta' Settembru, 2021 |
| Clerk | Skala 15 | 1 ta' Ottubru, 2021 |
| Clerk | Skema CIES | 20 ta' Frar, 2021 |
| Operative General Hand | Skala 18 | 29 ta' Settembru, 2021 |
| Segretarju Eżekuttiv | Skala 5 | 15 ta' November 2021 |

*Tabella 3: Riżenji ta' ħaddiema 2021*

### 3.1.2 Ingaġġ ta' ħaddiema 2021

| Kariġa | Skala | Data |
|---|---|---|
| Clerk | Skala 13 | Ġunju, 2021 |
| Clerk | Skala 15 | 17 ta' Mejju, 2021 |
| Clerk | Skala 15 | 25 t'Ottubru, 2021 |
| Tradesman | Skala 16 | 27 t'Ottubru, 2021 |
| Ħatra ta' Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv | Skala 5 | 16 ta' November 2021 |

*Tabella 4: Riżenji ta' ħaddiema 2021*

## 3.2 Ir-Responsabilta tal-ħaddiema tinkludi iżda mhix limitata għal:

| | |
|---|---|
| Segretarju Ezekuttiv | Il-Proġetti Kapitali kollha - Pubblikazzjoni / Evalwazzjoni tal-Offerti - Jissorvelja l-*Procurement* u Approvazzjonijiet tal-Approvazzjoni tax-Xiri kollha - Permessi u ordnijiet ta' xogħlijiet - Jipprepara l-Aġenda mas-Sindku kif ukoll il-Minuti - Jattendi laqgħat mal-partijiet interessati fis-suġġett – Jikkollabora mal-Maniġer tal-Kuntratti fuq il-Kuntratturi kollha - Jara l-kwistjonijiet kollha tarRiżorsi Umani - Jikkoordina u jassisti lill-Viċi Sindku w il-Kunsilliera. Tweġibiet għallkorrispondenza. Jiftaħ il-posta ta' kuljum li tasal permezz tal-posta. Jikkoordina l-kompiti ġenerali. |

| | |
|---|---|
| Assistent Prinċipal | L-*Procurement* dwar Talbiet għall-Kwotazzjonijiet pubbliċi u l-amministrazzjoni kollha relatata magħhom – Dwal tat-toroq – Skemi - Tassisti lis-Segretarju Eżekuttiv fi proġetti dwar dwal – Toħroġ struzzjonijiet ta' xogħlijiet li jkunu approvati – Toħroġ ordnijiet ta' xiri approvati - Tweġibiet għal diversi rapporti relatati mal-lokalita' u l-għeluq tagħhom. Għandha aċċess għall-kont tal-imejl Report It! fi ħdan il-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar – Tipprepara korrispondenza li tintbagħat lirresidenti dwar rapporti u materja varja u kif ukoll ikollha kuntatt ma persuni li jressqu rapporti varji - Timmaniġġja lir-residenti li huma reġistrati bħala *feeders* tal-qtates li hemm barra fillokalita'. |
| Uffiċjal Eżekuttiv | Responsabbli għall-amministrazzjoni tal-Kontijiet Bankarji tal-Kunsill flimkien mar-rikonċiljazzjoni mill-ġdid tal-aħħar tax-xahar u t-tħejjija tal-ħlasijiet bl-assistenza tal-*Accountant* tal-Kunsill. Iżżomm rekords tal-ordnijiet tax-xiri u kwistjonijiet oħra relatati. Tirreġistra l-imejls kollha li jidħlu u joħorġu fuq il-kont tal-imejl ġeneriku tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar u kif ukoll l-ittri postali. Reponsabbli wkoll għad-dokumenti tal-Impjegati tal-Kunsill. Responsabbli għal *petty cash box*. Għandha aċċess għall-kont tal-imejl ġenerika tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar. |
| Skrivan/a skala 15 | Ħruġ ta' permessi relatata ma' xogħol ta' *front office* inkluż l-RWPs ta' Tm u dawk relatati ma attivitajiet fil-lokalita' ( *no objections* ) u kif ukoll *filming*. Pagamenti tal-*LESA* u Pulizija ta' Malta / tal-Awtorita' Maltija tat-Turiżmu u tal-Awtorita' tal-Artijiet. Tassisti fil-Laqgħat tal-Kunsill fejn tgħin lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv fil-preparazzjoni tad-dokumenti rikjesti. Fl-aħħar talġurnata tagħmel ir-rikonċiljazzjoni tal-pagamenti miġbura. Tassisti għal laqgħat ta' attivitajiet u tkun preżenti fl-attivitajiet imtella' mill-istess Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar. Għandha aċċess għall-kont tal-imejl *Permits* fi ħdan il-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar. |
| Skrivan/a skala 15 | Twieġeb għad-domandi magħmula fuq il-midja soċjali u kif ukoll ittella' dokumenti essenzjali fuq il-Paġna ta' *Facebook* u *yousafe group*. Responsabbli għall-applikazzjonijiet ta' Tm sabiex tikkordina għeluq ta' toroq minħabba xogħlijiet u attivitajiet. Tassisti fil-preżentazzjoni taddokumenti lil Tm sabiex jingħataw l-approvazzjonijiet neċessarji. Tassisti fil-*front office* fil-ħruġ ta' permessi, pagamenti tal-*LESA* u Pulizija ta' Malta / tal-Awtorita' Maltija tat-Turiżmu, tal-Awtorita' tal-Artijiet u tal-korsijiet li jkun hemm minn żmien għal żmien. Tirċievi rapporti u tieħu azzjoni dwarhom. Tara li l-ordnijiet ta' xogħlijiet jingħalqu flimkien kompluti fil-maġġoranza tagħhom birritratti wkoll. Għandha aċċess għall-kont tal-imejl *Report It!*, għall-kont tal-imejl *Get Bulky*! u kif ukoll għall-kont tal-imejl *Permits* fi ħdan il-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar. |
| Skrivan/a skala 15 | Responsabbli għad-dokumenti relatati mal-Ħaddiema tal-Komunita' u ta' Impjegati oħra li jifformaw parti mill-amministrazzjoni. Jikkomunika mal-Perit dwar garanziji bankarji ta' persuni li jkunu għamlu xogħol ta' żvilupp fil-lokalita'. Jipproċessa dak kollu relatat mal-ħruġ ta' sejħiet għallingaġġ ta' impjegati ġodda. Għandu l-kustodja tal-vetturi tal-Kunsill inkluż l-poloz talassigurazzjoni u dokumenti relatati. Jagħmel ix-xogħol ta' Segretarju fuq il-bord tal-klejms. Jagħmel il-proċess kollu fejn jirrigwardja l-iskart goff, mill-bidu sal-aħħar inkluż il-komunikazzjoni mal-Maniġer tal-Kuntratti. Il-maġġoranza tat-telefonati dwar rapporti jidħlu għandu u jsegwi skond dak rikjest. Għandu aċċess għall-kont tal-imejl Report It! u kif ukoll għall-kont tal-imejl Get Bulky! |
| Skrivan/a skala 15 | Ħruġ ta' permessi relatata ma' xogħol ta' *front office*. Pagamenti tal-*LESA* u Pulizija ta' Malta / talAwtorita' Maltija tat-Turiżmu, tal-Awtorita' tal-Artijiet u tal-korsijiet li jkun hemm minn ħmien għal żmien. Tiġbor għandha l-ordnijiet tax-xogħlijiet li jkunu twettqu. Peress li għadha fil-bidu talimpjieg tagħha qed tosserva x-xogħol tal-Kunsill li ser tkun qed twettaq fi żmien qasir. Għandha aċċess għall-kont tal-imejl *Permits* fi ħdan il-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar. |

*Tabella 5: Ir-Responsabilta tal-ħaddiema*

## 3.3 Xogħol amministrattiv bil miżuri minħabba - COVID-19

Il-Kunsill kompla jieħu il-miżuri meħtieġa għas-sena 2021:

- Ix-xogħol mill-uffiċċju beda jinħadem bi skeda fejn ma jkunx hemm iktar minn tliet skrivani fl-uffċċju u l-kumplament ħadmu mid dar għal xi perjodu.
- Il-permessi tkomplew jiġu proċessati onlajn u jitħallsu onlajn.
- It-telefonati tkomplew jiġu mwieġba minn fuq il-laptops permess tas-software
- l-iskrivani ngħataw struzzjonijiet sabiex dejjem jintuża' stationery tagħhom u jużaw wipes meta tintuża l-printer.
- Il-binja tal-Kunsill kollhu kien jiġi iddiżinfettat darbtejn fil-ġimgħa wara li nħarġet sejħa għal-kwotazzjoni.

## 3.4 Permessi maħruġa mill-uffiċċju tal-Kunsill u pagamenti proċessati

Il-pubbliku kellu għad-dispożizzjoni tiegħu diversi mezzi bħala aċċess ta' komunikazzjoni

Imejls, Facebook Page u App tal-Kunsill aċċessibli min fuq il-mobile.

Telefon: 21585888

- sanpawlil-bahar.lc@gov.mt
- sanpawlil-bahar.permits@gov.mt
- sanpawlil-bahar.lcbulkyrefuse@gov.mt
- sanpawlil-bahar.lcreportit@gov.mt

### Permessi

| Sena | Nru ta' Permessi | Onlajn | Valur | Total |
|---|---|---|---|---|
| Jannar - Diċembru 2020 | 6462 | €30,144.81 | €82,709.68 | €112,854.49 |
| Jannar - Diċembru 2021 | 7600 | €37,042.20 | €113,166.14 | €150,208.34 |

*Tabella 6: Permessi onlajn u Valur – (żieda ta' €37,353.85)*

| Sena | Pagamenti Lesa | Valur |
|---|---|---|
| Jannar - Diċembru 2020 | 1598 | €54,901.08 |
| Jannar - Diċembru 2021 | 4531 | €169,826.61 |

Tabella 7: Pagamenti Lesa (żieda ta' €114,925.53)

| Sena | Pagamenti Lands | Valur |
|---|---|---|
| Jannar - Diċembru 2020 | 380 | €48,340.10 |
| Jannar - Diċembru 2021 (*Jannar sa April '21 ma kienux qed jittieħdu pagamenti ) | 465 | €43,472.77 |

Tabella 8: Pagamenti għal-Artijiet (żieda ta' €4,867.33)

| Sena | Pagamenti Housing | Valur |
|---|---|---|
| Jannar - Diċembru 2020 | 7 | € 801.21 |
| Jannar - Diċembru 2021 | 40 | €6,974.07 |

Tabella 9: Pagamenti tal-"Housing" (żieda ta' €6,172.86)

## 3.5 Ilmenti u Suġġerimenti u Mistoqsijiet Parlamentari

B'kuntrast mas-sena 2020 fejn kien hemm mal-5000, korrispondenza, matul is-sena 2021, Il-Kunsill rċieva **4912** ilmenti, inħarġu **4783** imejl fuq *report-it* u ġew irreġistrati **8596** f'korrispondenza oħra fuq sanpawlil-bahar.lc@gov.mt.

Minn fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill ġew irreġistri 1800 messaġġi u ittelgħu **730** Facebook Posts.

Il-Kunsill irċieva u wieġeb għal **31**-il mistoqsija parlamentari.

Il-Kunsill regolarment ikun f'kuntatt ma' diversi awtoritajiet u entitajiet fosthom u mhux limitati ma l-Awtorita tal-Ippjanar, Transport Malta, Sanita', Reġjun, id-Dipartiment tal-Kunsilli, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli, Puluzija, Protezzjoni Ċivili, Waseserv, MCCAA u Enemalta fost oħrajn.

B'konsiderazzjoni dwar l-ilmenti wieħed ma jistax ma jsemmix l-ammont kbir ta' att vandalu u skart goff ta' kull xorta f' din il-lokalita'. Il-Kunsill jixtieq jisgura li għalkemm mhux dejjem jirnexxeielu isolvi u jlaħħaq mad-domanda kbira u allura jixtieq jitlob l-kollaborazzjoni tar-residenti sabiex jikontribwixxu għall- ġid tal-komunita'.

## 3.6 Lampi, bozoz u Tabella tat-toroq

### 3.6.1 Lampi u Bozoz

Saru -il fuq minn **455** rapport ta' dwal.

Tressqu dawl / lampi **252** li l-ispiża tagħhom ġiet għall-valur ta' **€113,623.00** (Fosthom spiża ta' €73,765 fuq installazjonijiet ġodda). Din turi żieda ta' €86,648.80 fuq is-sena preċidenti għas-sena 2020 fejn intefqu €26,974.21.

*Shifting tad-dwal* saru għas-somma ta' **€7891.59** fis-sena 2021 filwaqt li għas-sena 2020, is-somma kienet ta' €1460.84 (żieda ta' **€ 6,431.59**).
Saru medja ta' 180 rapporti dwar ħsarat fuq dwal tat-toroq fuq dak relatat mal-Korporazzjoni Enemalta.

Ma dawn jiżdiedu rapporti li diversi enititajiet u kumpaniji dwar rappurtagg ta' eżempju wajers imdendlin etċ.

Il-Kunsill approva din il-lista għal-installazzjoni /tressiq jew reġistrazzjoni ta dawl tat-toroq.

| Installazzjoni / Tressiq / Reġistrazzjoni ta' dwal tat-toroq | | |
|---|---|---|
| | | |
| 1 | Triq Katerina Vitale ( Mistra Flats ) | 04.01.2021 |
| 2 | Triq it-Tartarun ( Le Mirage Court B ) | 11.01.2021 |
| 3 | Triq it-Tamar ma Triq Annetto Caruana ( arblu ġdid ) | 12.01.2021 |
| 4 | Triq it-Tamar ( arblu ġdid ) | 12.01.2021 |
| 5 | Triq it-Tamar ( arblu ġdid ) | 12.01.2021 |
| 6 | Triq it-Tamar ( arblu ġdid ) | 12.01.2021 |
| 7 | Triq il-Madonna tal-Abbandunati ( faċċata ta' 6 ) | 20.01.2021 |
| 8 | Trejqet Għar Berbaħ ma Triq is-Simar ( arblu eżistenti ) | 1.02.2021 |
| 9 | Triq it-Tonn ( arblu eżistenti ) | 05.02.2021 |
| 10 | Triq Sant'Aristarkus ( 25 ) | 05.02.2021 |
| 11 | Triq San Xmun ( 25 ) | 05.02.2021 |
| 12 | Triq Għajn Stas ( arblu eżistenti ) | 03.03.2021 |
| 13 | Triq Sir Luigi Preziosi ( First and Last Court ) | 04.03.2021 |
| 14 | Triq il-Port Ruman ( arblu eżistenti ) | 05.03.2021 |
| 15 | Triq il-Port Ruman ( arblu eżistenti ) | 05.03.2021 |
| 16 | Triq il-Port Ruman ( arblu eżistenti ) | 05.03.2021 |
| 17 | Triq il-Port Ruman ( arblu eżistenti ) | 05.03.2021 |
| 18 | Triq il-Korp tal-Pijunieri ( Devonshire House ) | 30.03.2021 |
| 19 | Triq il-Port Ruman ( The Clock Place ) | 30.03.2021 |
| 20 | Triq l-Erba' Mwieżeb ( 32, Tal-Qarbuni ) | 14.05.2021 |
| 21 | Triq l-Erba' Mwieżeb ( arblu eżistenti, Tal-Qarbuni ) | 14.05.2021 |

| | | |
|---|---|---|
| 22 | Triq il-Port Ruman ( arblu eżistenti ) | 21.05.2021 |
| 23 | Triq San Xmun ma Triq Santa Marija ( arblu temporanju ) | 31.05.2021 |
| 24 | Triq it-Turisti ( arblu ġdid ) | 04.06.2021 |
| 25 | Triq it-Turisti ( arblu ġdid ) | 04.06.2021 |
| 26 | Triq it-Turisti ( arblu ġdid ) | 04.06.2021 |
| 27 | Triq it-Turisti ( arblu eżistenti ) | 04.06.2021 |
| 28 | Triq il-Kaħli ( arblu ġdid ) | 11.06.2021 |
| 29 | Triq il-Kaħli ( arblu ġdid ) | 11.06.2021 |
| 30 | Triq il-Kaħli ( arblu ġdid ) | 11.06.2021 |
| 31 | Triq il-Klamari ( arblu ġdid ) | 11.06.2021 |
| 32 | Triq il-Klamari ( arblu ġdid ) | 11.06.2021 |
| 33 | Triq il-Klamari ( arblu ġdid ) | 11.06.2021 |
| 34 | Triq it-Tamar ( arblu ġdid ) | 15.06.2021 |
| 35 | Triq it-Tamar ( arblu ġdid ) | 15.06.2021 |
| 36 | Triq it-Tamar ( arblu ġdid ) | 15.06.2021 |
| 36 | Triq it-Tamar ( arblu ġdid ) | 15.06.2021 |
| 37 | Triq it-Tamar ( arblu ġdid ) | 15.06.2021 |
| 38 | Triq il-Ħġejjeġ ( Samares Court B | 05.07.2021 |
| 39 | Triq il-Lampuki ( arblu temporanju ) | 05.07.2021 |
| 40 | Triq il-Ħġejjeġ ma Triq Damasku ( arblu ġdid ) | 14.07.2021 |
| 41 | Triq Ġdida fi Triq San Pawl Milqi ( arblu eżistenti ) | 09.09.2021 |
| 42 | Triq Toni Bajada ( belishia lights ) | 09.09.2021 |
| 43 | Triq is-Sardin ( arblu eżistenti ) | 01.10.2021 |
| 44 | Triq il-Fekruna ( Arblu eżistenti ) | 06.10.2021 |
| 45 | Triq Piscopo Macedonia ( arblu eżistenti ) | 13.10.2021 |
| 46 | Triq Piscopo Macedonia ( arblu eżistenti ) | 13.10.2021 |
| 47 | Triq Piscopo Macedonia ( arblu eżistenti ) | 13.10.2021 |
| 48 | Triq Piscopo Macedonia ( arblu eżistenti ) | 13.10.2021 |
| 49 | Triq San Franġisk ( arblu eżistenti ) | 08.11.2021 |
| 50 | Triq Isouard ( arblu temporanju ) | 29.11.2021 |
| 51 | Triq il-Maqdes Megalitiku ( arblu eżistenti ) | 29.11.2021 |
| 52 | Triq il-Klamari ( arblu eżistenti ) | 29.11.2021 |
| 53 | Triq Parades ( arblu temporanju ) | 29.11.2021 |
| 54 | Triq l-Imdawwra ( arblu eżistenti ) | 15.12.2021 |

*Tabella 10: Lista għal-installazzjoni /tressiq jew reġistrazzjoni ta dawl tat-toroq*

### 3.6.2 Installazzjoni ta' Tabelli

Għas-sena 2021, il-Kunsill Lokali investa f'tabelli li jammontaw għas-somma ta' **€20,216.43**.

## 3.7 Work Orders

**Jannar 2021 sa 31 ta' Diċembru 2021**

| Work Order | 2021 |
|---|---|
| | |
| Totali | 1212 |
| Konklużi | 1107 |
| Pendenti | 105 |
| Kanċellati | - |

*Tabella 11: Lista ta' Work Orders*

## 3.8 Klejms relatati ma' vetturi

Matul 2021 daħlu 14 -il-klejm fejn 4 minnhom ġew kompensati, waħda ma ġietx aċċettata, f'żewġt każijiet il-Kunsill ma nstabx responsabbli u ġew mgħoddijin l-entitajiet rispettivi, Oħra ġiet mgħoddija lill-kumpanija tal-polza tal-assigurazzjoni u sitta għadhom pendenti.

## 3.9 Miżuri Ambjentali

Sorveljanza fuq tfassil tal-kuntratti u l-operat tal-kuntratturi magħżula mill-aspett ambjentali. Liaison mal-entitajiet u l-NGOs li jaħdmu favur l-ambjent partikolarment dawk li jinvolvu ruħhom fil-lokalità u t-temi li jolqtuha.

Saru diversi rappreżentazzjonijiet lill-PA fuq proġetti li jħallu impatt ambjentali fil-lokalità b' ko-ordinament ma' diversi entitajiet fir-rigward, inkluż NGOs u ma' entitajiet governattivi.

Il-Kunsill oġġezzjona għall-kull proġett propost fuq art ODZ li ma jirrispettax il-*policies* ta' l-iżvilupp eżistenti.

- Ġew organiżżati *clean-ups* fejn il-Kunsill tà assistenza lil diversi NGOs sabiex jattwaw clean-ups madwar il-lokalità.
- Ġew installati *dog bins*, bins u bankijiet madwar il-lokalità.
- Nżergħu numru sostanzjali ta' siġar madwar il-lokalita'.
- B'ħarsien lejn l-ambjent u tkompla il-ġbir ta' batteriji u dak tamier elektroniku.

# 3.10 Xogħol tà rutina – Tindif u manutenzjoni tas-soft areas u Infrastruttura

Fis-sena 2021, il-Kunsill iffirma ftehim mil-*Cleansing Deptarment* fejn ibbenifika minn servizz kontinwu. Matul ix-xhur tal-pandemija tal-Covid-19, il-Kunsill bi ftehim mal-Gvern ċentrali kif ukoll ma' kumpanija privata, regolarment saru diżinfettar tal-ġonna pubbliċi u diversi toroq tal-lokal speċjalment fl-inħawi ta' fejn hemm il-ħwienet li l-aktar frekwentata minn nies.

- Servizz tà kenniesa mal-lokalità.
- Manutenzjoni tà toroq, tabelli ġodda u bdil.
- Rifreskar tà sinjali tat-toroq.
- Bdil tà kaptelli, tiswijijiet tà tappieri u spralli.
- Saret manutenzjoni fil-funtana tà Triq il-Fliegu.
- Saru bosta xogħolijiet ta' patching u road scarifying fosthom Triq San Pawl, Triq it-Tamar, Triq Indipendenza, Triq Annetto u oħrajn.

## 3.10.1 Tunnellati ta' Skart -2021

Diskripanza fit-tunnellati ta' l-skarti tirrifletti l-ispiża ġenerata kif ukoll il-ħidma ta' dan il-Kunsill.

| Kolletur | Tunnellati għas-Sena 2020 | Spiża finanżjarja 2020 | Tunnellati għas-Sena 2021 | Spiża finanżjarja 2021 |
|---|---|---|---|---|
| Kuntrattur tal-iskart Goff | 106,580 | €2,193.30 | 62,780 | €1,481.58 |
| Kuntrattur tal-iskart imħallat | 9,837,380 | €232,162.34 | 7,702,300 | €181,774.25 |
| Kuntrattur tal-iskart Organiku | 970,040 | €22,892.93 | 749,620 | €17,691.01 |
| Total | | €257,248.57 | | €200,946.84 |

*Tabella 12: Tunnellati u spiża ta' skart (tnaqqis ta' €56,301.70)*

# 4.0 Xiri – Tenders u Kwotazzjonijiet

## 4.1 Il-Kunsill ħareġ 50 sejħa ta' kwotazzjoni

**33 *awarded*, 15 kkanċellati u 2 pendenti** għal-Kwotazzjoni kif elenkat. B'uħud minnhom il-Kunsill ma rċieva l-ebda kwotazzjoni.

| RFQs Issued - January 2021 - December 2021 | | |
|---|---|---|
| 01/2021SG | RfQ for the Provision of Purchasing of Ceramic Street Names Plaques | Awarded |
| 02/2021SG | RfQ for the Provision of Marble Commemorative Plaques | Awarded |
| 03/2021SG | RfQ for the Provision of Purchasing of Punch Clocks | Awarded |
| 04/2021SG | RfQ for the Provision of Purchasing of Flags | Awarded |
| 05/2021SG | RfQ for the Provision of Purchasing of Reusable Veggie Bags and Reusable Bread Bags | Pending |
| 06/2021SG | RfQ for the Provision of Hiring a Hall | Awarded |
| 07/2021SG | RfQ for the Provision of Purchasing of LED Lights to replace Fluorescent Luminaires | Awarded |
| 08/2021SG | RfQ for the Provision of Purchasing of Gardening Supplies | Awarded |
| 09/2021SG | RfQ for the Provision of Purchasing of CCTV Cameras | Awarded |
| A | RfQ for the Provision of setting up an Aquaponic System for an existing pond | Not Awarded |
| B | RfQ for the Provision of the Purchasing of a Canopy to Cover a Pond | Not Awarded |
| C | RfQ for the Provision of Purchasing and Installation of Vertical Green Wall with irrigation system | Not Awarded |
| D | RfQ for the Provision of Purchasing and Installation of a Biodigester | Awarded |
| E | RfQ for the Provision and Installation of 2 Public Garden Gates | Not Awarded |
| F | RfQ for the Provision of Purchasing and Installation of Playground Equipment | Not Awarded |
| G | RfQ for the Provision of Purchasing and Installation of Outdoor Elderly Exercise Equipment | Not Awarded |
| H | RfQ for the Provision of Purchasing and Installing Outdoor Urban Benches | Not Awarded |
| I | RfQ for the Provision of Purchasing and Installation of Retrofitting Solar Panels on existing lighting system | Not Awarded |
| J | RfQ for the Provision of Purchasing and Installation of Railings ( playground areas ) | Not Awarded |
| 10/2021SG | RfQ for the Purchasing of Multi Litter Bins ( 120 litres ) | Awarded |

| | | |
|---|---|---|
| 11/2021SG | RfQ for the Purchasing of Multi Litter Bins ( 90 litres ) | Not Awarded |
| 12/2021SG | RfQ for the Provision of Purchasing of Dog Waste Bins including delivery | Awarded |
| 13/2021SG | RfQ for the Provison of Provision of Service of Neutering of Stray Cats | Awarded |
| 14/2021SG | RfQ for the Provision of Watering Services by Bowser | Awarded |
| 15/2021SG | RfQ for the Provision of Purchasing of Multi Litter Bins ( 120 litres or more ) | Pending |
| 16/2021SG | RfQ for the Provision of Purchasing of Kennels ( for stray cats including delivery ) | Awarded |
| 16/2021SG | RfQ for the Provision of Watering Services by Bowser | Awarded |
| 17/2021SG | RfQ for the Provision of Service of Cleaning and Flushing of Street Culverts | Not Awarded |
| 18/2021SG | RfQ for the Provision of Services of Placing Christmas Lights at SPB | Awarded |
| 19/2021SG | RfQ for the Provision of Services of Placing Christmas Lights at SPB | Awarded |
| 20/2021SG | RfQ for the Provision of Services of a Red Fun Train | Awarded |
| 21/2021SG | RfQ for the Provision of Purchasing of 4 Elves Costumes | Not Awarded |
| 22/2021SG | RfQ fro the Provision of Services of a Christmas Sleigh | Awarded |
| 23/2021SG | RfQ for the Provision of Purchasing of Sweets including delivery | Awarded |
| 24/2021SG | RfQ for the Provision of Purchasing of Office Supplies including delivery | Awarded |
| 25/2021SG | RfQ for the Provison of Services for Conducting Risk Assessments | Awarded |
| 26/2021SG | RfQ for the Provision of Service of a Nurse | Not Awarded |
| 27/2021SG | RfQ for the Provision of Service of a Data Protection Officer | Awarded |
| 28/2021SG | RfQ for the Provision of Service of Cash Collection | Awarded |
| 29/2021SG | RfQ for the Provision of Purchasing of Banners | Awarded |
| 30/2021SG | RfQ for the Provision of Hiring a Small Cargo Van | Awarded |
| 31/2021SG | RfQ for the Provision of Purchasing of Multi Litter Bins ( 90 litres ) including delivery | Not Awarded |
| 32/2021SG | RfQ for the Provision of Purchasing of a Pay Roll System including installation | Awarded |
| 33/2021SG | RfQ for the Provision of Services of Placing Christmas Lights ( motifs ) at SPB | Awarded |
| 34/2021SG | RfQ for the Provision of Services of Placing Christmas Lights ( rope light ) at SPB | Awarded |
| 35/2021SG | RfQ for the Provision of Purchasing Free Standing Hand Sanitiser Dispensers including Refills | Awarded |

| | | |
|---|---|---|
| 36/2021SG | RfQ for the Provision of Purchasing A Christmas Dinner | Awarded |
| 37/2021SG | RfQ for the Provision of Purchasing the Service of a General Practitioner | Not Awarded |
| 38/2021SG | RfQ for Quotations for the Provision of Purchasing the Service of Sanitising | Awarded |
| 39/2021SG | RfQ for Quotations for the Provision of Purchasing of Marble for a pond | Awarded |

*Tabella 13: Xiri bi Kwotazzjonijiet*

### 4.2 Tenders 2021

Il-Kunsill ħareġ 6 sejħiet fuq EPPS tendering platform 3 finalizzati u tlieta pendenti.

| Tender Reference | Name | Date of issue | Closing Date | Approved by Council | Status | Contracted | Termination Date | Contractor | Contracted amount excl. VAT |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| SPB T/06/2019b | Professional services of a Contracts Manager | 05/01/2021 | 05/02/2021 | approved | awarded | 15/04/2021 | 15/04/2025 | YamiYama Ltd | 114,000 |
| SPB T/02/2020 | Non-Urban Grass Cutting | 24/08/2020 | 24/09/2020 | Approved | awarded | pending | reevaluation | | |
| SPB T/01/2021 | Project Manager | 18/06/2021 | 19/07/2021 | approved | awarded | 18/11/2021 | 17/11/2025 | Renergy Ltd | 118,959.45 |
| SPB T/02/2021 | Pavement and Ancillary works | 16/07/2021 | 24/08/2021 | Approved | awarded | in process | in process | LBV ltd | 149,719.55 |
| SPB T/11/2019 | Services for Architect | 18/03/2021 | 27/04/2021 | Approved | awarded | 18/10/2021 | 17/10/2025 | EMDP Ltd | 2,906.00 |
| SPB T/03/2021 | Tender for the Maintenance of an Elevated Balcony Walkway in SPB | 13/08/2021 | 24/09/2021 | Evaluation | Evaluation | Evaluation | | | |

*Tabella 14: Lista ta' Tenders 2021*

## 5.0 Safar

Fis-sitwazzjoni li kienet ma sar l-ebda safar matul is-sena 2021

## 6.0 Skemi

- Green infrastruture għal 24 -il-sit skema ta' proġetti taħt il- Gal Xlokk.
- Skema għat-tiżjin tal-Milied.
- Skema favur il-qtates abbandunati

# 7.0 Proġetti Proposti 2022

### 7.1 Proġetti li se jsiru b' kollaborazzjoni mal-MTA

- Jetty - embellishment for accessibility in salt pans Area
- Landscaping Area – Gillieru Area
- The masġar Project
- Embelishment of Triq il-Luzzu

### 7.2 Proġetti għas-Sena 2022

- Embelishment of playground Burmarrad/Cassarino
- Jiġi iffinalizzat l-proġett tal-Gal Xlokk - "Green Infrastructure"
- Pill Box Restoration and Landscape embelishment
- Ġnien Millenium
- Monument ta' Luzzu
- Bust ta' Dr Calvagna

**Tenders**

- Embelishment of playground Burmarrad
- Embellishment of playground Żewġt siti ġo Triq Cassarino
- Jinxtara tail lift van
- Walkway Balcony

**Edukazjoni**

- Modifika tal-Bulky and Wee App
- Go – Rati aktar vantaġġjużi
- TCTC Courses – ivvota għal 50
- Parkeġġ għar-residenti fl-iskola l-ġdida tal-Qawra

**Amministrazzjoni**

- Online permits System – Apcopay
- Kull telefonata tiġi irrekordjata
- Żieda ta' capacity fl-istaff
- Ftuħ ta' kont bankarju sabiex jiġu evitati interessi bla bżonn.
- Jiġu miġbura il-ħlas ta' taxxa mħallsa żejda ma konvenju ffirmat 11 il-sena ilu (2011).
- Jibdew il-preparamenti għall-devoluzzjoni tal-art mid-Dipartiment għall-binja ċiviku.
- Jinġabru l-finanzi taħt skemi passati (Urban Improvement Fund (**UIF**).

**Attivitajiet**

- Ġemellaġġ Croatia-Malta
- Voomquest
- Numru t'attivitajiet – Destination North (end of Summer)
- Karnival tas-Sajf 2022
- Yoga Classes

# 8.0 Finanzi

L-allokazzjoni mill-Gvern Ċentrali għas-sena 2021 kienet is-somma ta' €2,261,832.

Il-Kunsill kellu kontijiet miftuħa mal-Bank Ċentrali minħabba skemi għall-proġetti. Is-somma globali fil-kont hi ta' **€173,155** sa 31.12.2021. Annes Dok A wieħed isib ir-Rapport Finanzjarju fejn jispjega fid-dettalji il-finanzi tal-Kunsill.

| | **Unaudited 2021** | Audited 2020 |
|---|---|---|
| **Dħul** | | |
| Mill-Gvern | 2,261,832 | 2,193,379 |
| Mis-sistema ta' infurzar legali | 25,462 | 13,920 |
| Dħul ieħor | 163,981 | 153,567 |
| Minn Bye-Laws | 4,534 | 6,236 |
| Imgħax tal-Bank | - | 27 |
| | **2,455,809** | 2,367,129 |
| **Infieq** | | |
| Is-Salarji | 288,360 | 236,512 |
| Manutenzjoni u Xogħlijiet | 1,230,996 | 1,360,128 |
| Aministrazzjoni u Spejjeż oħra | 621,818 | 534,495 |
| | 2,141,174 | 2,131,135 |
| **Surplus** | **314,635** | **235,994** |

*Tabella 15: Finanzi għas-sena 2021 mqabbla ma sena 2020*

**Kontijiet Bankarji**

| | **Amount as at 31/12/2021;** |
|---|---|
| BOV Bank Account: 152XXXX0012 | € 9,935.83 |
| BOV Bank Account: 152XXXX5033 | € 980,011.13 |
| BOV Bank Account: 400XXXX4552 | € 500,000.00 |
| BOV Bank Account: 4002XXXX542 | € 500,000.00 |
| Petty Cash (Back Office) | € 125.00 |
| Petty Cash (Cashiers) | € 100.00 |
| Cash In Hand | € 671.33 |
| **Total:** | **€ 1,990,843.29** |

*Tabella 16: Kontijiet Bankarji*

# 9.0 Konklużjoni

Infakru li kull ċittadin jista' jiġbor diversi applikazzjonijiet mill-Uffiċċju tal-Kunsill. Se nagħmel appell sabiex l-Apps u l-pjattaformi li għandu il-Kunsill għandhom jintużaw kemm jista' jkun u b'mod tajjeb, dan sabiex innaqas traffiku w il-frustrazzjoni minn fuq it-telefonati lejn il-Kunsill. Punt importanti li għandu jingħad, hu li diffiċli li jittnieżel dak kollu li jagħmel il-Kunsill, u jista' jkun li hemm xogħolijiet oltre li ma ġewx għal-attenzjoni tiegħi u għalek ma jinstabux mnieżla.

Huwa ferm apprezzat ix-xogħol li sar minn residenti li offrew ħin b'mod volontarju mingħajr ħlas matul is-sena 2021 għall-għajnuna lill-Kunsill.

Il-ħidma tal-Kunsill tirrikjedi il-Kunsilliera, il-ħaddiema, kuntratturi tal-Kunsill, l-Ngo's u lparteċipazzjoni tal-publiku inġenerali u għalhekk qed nikkonkludi dan ir-rapport b-ringrazzjament speċjali lejn dawn in-nies.

L-staff tal-Kunsill qegħdin hemm dejjem għad-dispożizzjoni tal-komunita' iżda nitlob rispett u sens ċiviku in ġenerali b'hekk nifaċċilitaw ix-xogħol u nkunu nistgħu noffru servizz aħjar lir-residenti.

Sinj. Elke Sghendo
Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv

## 10.0 Annex Dok A

# Rapport Finanzjarju 2021

# 11.0 Ir-Rapport tas-Sindku

# 12.0 Ir-Rapport tal-Viċi Sindku

# 13.0 Ir-Rapport tal-Kunsilliera

# TMIEM